Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru 492/2003

Il-Pulizija
(Sp Maria Stella Cutajar)
vs
Anton Agius, iben Anthony,
imwieled Pieta' fl-24 ta' april, 1980

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –

1. talli fit-2 ta' ġunju, 2003 għal ħabta tas-7.45 p.m. ġewwa l-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll fi Triq il-Paroċċa, Ħaż-Żebbuġ inġurja jew hedded (lill-PS175 bil-kliem: "Lilek insibek u inpattijielek 175") jew għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' PS175 George Pace u ta' PC546 (lill-PC546 b'oġġett iebes u cioe' b'bollard 'no entry sugn' li tikkonsisti f'ħadida u biżi tal-konkos) skond

kif iċċertifika Dr. Stephen Fsadni M.D. tal-Casualty Department ta' l-isptar San Luqa, persuni li huma nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzagħhom, jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. talli fit-2 ta' ġunju, 2003 għal ħabta tas-7.45 p.m. ġewwa l-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll fi Triq il-Paroċċa, Ħaż-Żebbuġ attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u cioe' kontra PS175 George Pace u ta' PC546 Mario Deguara;
3. talli fit-2 ta' ġunju, 2003 għal ħabta tas-7.45 p.m. ġewwa l-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll fi Triq il-Paroċċa, Ħaż-Żebbuġ ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' persuni li jkunu nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallijhomx jew fixkilhom waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fid-dmirijiet tagħhom, billi ma ħalliex lil min hu nkarigat jagħmlu dak li bil-liġi kienu ordnati jew jistgħu jagħmlu jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi;
4. talli fit-2 ta' ġunju, 2003 għal ħabta tas-7.45 p.m. ġewwa l-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ waqt li kien fl-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ ħarab mill-kustodja tal-pulizija;
5. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi waqt li kien fir-residenza ta' missieru f'Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll fi Triq Vassalli, Żebbuġ inġurja jew hedded lil missieru Anthony Agius bil-kliem;
6. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi waqt li kien fir-residenza ta' missieru f'Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll fi Triq Vassalli, Żebbuġ ħebb kontra l-persuna ta' missieru Anthony Agius sabiex jiġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
7. talli ħebb għal missieru Anthony Agius waqt li kien fir-residenza ta' missieru, kif ukoll fi Triq Vassalli, Żebbuġ u għamillu feriti ta' natura ħafifa;
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u għlied;

9. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi waqt li kien fir-residenza ta’ missieru f’Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll fi Triq il-Parroċċa, Żebbuġ u fl-għassa tal-pulizija ta’ Ħaż-Żebbuġ qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni jew b’xi mod ieħor offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika;
10. talli fl-istess data, ħin, ċirkostanżi u lok bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b’mod ieħor;
11. Il-Qorti hi mitluba sabiex jipprovdi għas-sigurta’ tal-persuni ta’ PS175 George Pace u ta’ PC546 Mario Deguara u l-kodizzjonijiet li jidrilha xieraq skod l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali;
12. Talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminalib’sentenżi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta’ april, 2001 u tal-4 ta’ frar, 2002;
13. Talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta b’sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta’ diċembru, 2002.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta’ marzu, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

(a) fl-artikoli 221, 95, 96, 338(ee), 151, 152, 249, 252, 339(1)(d), 338(dd), 209, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta, illum l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Semgħet lill-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ april, 2005 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ april, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 221, 95, 96, 338(ee), 151, 152, 249, 252, 339(1)(d), 338(dd), 209, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta, illum l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ tlett mitt lira maltin (Lm300).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------